

Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni
(Każ COMP/M.4944 — SAP/Business Objects)

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2007/C 255/17)

1. Fit-22 ta' Ottubru 2007, il-Kummissjoni rċeviet notifika ta' konċentrazzjoni proposta skond l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ⁽¹⁾ li permezz tagħha l-impriża SAP AG ("SAP", il-Ġermanja), fl-ambitu tat-tifsira ta' l-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament tal-Kunsill, takkwista l-kontroll sħiħ ta' l-impriża Business Objects S.A. ("BO", France/USA) permezz tax-xiri ta' ishma.
2. L-attivitajiet kummerċjali ta' l-impriżi kkonċernati huma:
 - għall-impriża SAP: Soluzzjonijiet ta' *software* ta' applikazzjonijiet għall-impriżi;
 - għall-impriża BO: Soluzzjonijiet ta' *software* għal analiżi kummerċjali, taħriġ u servizzi relatati.
3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni jidhrilha li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fl-ambitu tar-Regolament (KE) Nru 139/2004. Madankollu, id-Deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.
4. Il-Kummissjoni tistieden lill-partijiet terzi interessati sabiex iressqu l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta lill-Kummissjoni.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart jjiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni bil-fax (nru (32-2) 296 43 01 jew 296 72 44) jew bil-posta, taħt in-numru ta' referenza COMP/M.4944 — SAP/Business Objects, fl-indirizz li ġej:

Kummissjoni Ewropea
Direttorat-Ġenerali għall-Kompetizzjoni
Reġistru ta' l-Amalgamazzjonijiet
J-70
B-1049 Bruxelles/Brussel

(¹) ĠUL 24, 29.1.2004, p. 1.